VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

**9 ta' April 2027**

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit- Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**
Roberta Bonello -Kunsilliera

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 27.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.0.1 Roberta Bonello

## 27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 26kienu ikkonfermati

## 27.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li pprezenta r-rapport tal-vjagg ta' Brussels lis-Seg. Ez. Huma nforma li kienet laqgha pozittiva dwar sostenibilita u tourizmu.

27.2.2 Is-sindku Olaf Mckay informa li sibt li gej ser issir il-Gurnata ddedikata lill-annimali gewwa l-gnien ta' Hastings. Heggeg lill-kunsillieri biex jattendu ghal din l-attivita'.

27.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li l-Hadd li gej ser jidhlu l-haddiema ta' Project Green biex jaghmlu refreshing u jbiddlu sigar mit-toroq tac-centru mil-pots li saru godda .

27.2.4 Is-sindku Olaf Mckay informa li giet mnehdija skema fejn kunsilli jistghu japplikaw biex isir Cat Café'fil-lokalita'.

27.2.5 Is-sindku Olaf Mckay informa li attenda ghal press conference dwar digitalisation platform li qed tigi preparata ghal Kunsilli kollha.

27.2.6 Is-sindku Olaf Mckay staqsa meta ser jitwahhlu l-cameras fil-fossa, il-kunsillieri Ray Azzopardi nforma li ser jitwahhlu din il-gimgha stess.

## 27.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.3.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar kif u lil min qed jitqassmu l-computers u l-monitors. Hija infurmat li tixtieq li tkun ifurmata specjament meta hi ghandha dekasteru ta' tfal.

27.3.2 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet jekk tistax terga ssir il-coach ghal-loghba tal-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan.

27.3.3 Il-Minority Leader Ylenia Montfort nfurmat li l-fitness classes kullhadd qed isaqsi fuqhom u ghalhekk ser tohrog is-sejha biex in-nies jibdew jirregistraw. Hija nfurmat li ser ikun hemm charge minimumu ta 2 euro.

27.3.4 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li tixtieq terga taghmel cerimonja ghat-tfal tal-Pracett u tfal tal-Year 6. Il-Kunsill qabel dwar dan.

27.3.5 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li ser tkun qed titkellem dwar ir-revision classes li ser isiru fi sajf gewwa l-Kunsill Lokali.

27.3.6 Il-Minority Leader Ylenia Montfort fakkret li l-Mera ta taht il-qanpiena ghadha ma saritx.

27.3.7 Il-Vici Sindku Alfred Zammit staqsa dwar cifri m'ghand l-Primary Health Care.
Kemm persuna ghamlu uzu mis-servizz tal-klinika kemm ilha li nfethet.
Jekk mhux ser jizdiedu s-servizzi?
Jekk hemmx hsieb li jizdied il-hin tas-servizzi.

27.3.8 Il-Kunsillier Ray Azzopardi staqsa jekk l-attivita' tal-Jum dedikat l-annimali hija attivita' tal-Ministeru biss. Is-Sindku kkonferma dan.

## 27.4 Rapporti – Dokumenti Jum il-fondazzjoni tal-Belt Valletta

27.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-Kunsill jipprezentaw in-nomimazzjonijiet taghhom ghar-rikonoxximent.

Is-Sindku Olaf McKay innomina ghal-rikonoxximent lil Norman Hill
Il-Kunsillier Daniel Diancono innomina ghal-rikonoxximent lil Charles Bonaci
Il-Minority Leader Ylenia Montfort innominat ghal-rikonoxximent lil Ezekiel Catania
Il-Vici Sindku Alfred Zammit innomina ghal-rikonoxximent lil Jesmond Zerafa
Il-Kunsillier Vincent Fabri innomina ghal-rikonoxximent lil Charles Dalli X-Tend
Il-Kunsillier Raymond Azzopardi innomina ghal-rikonoxximent lil Gabriella Agius
Il-Minority Leader Ylenia Montfort f'isem Roberta Bonello innominat ghal-rikonoxximent lil Paul Curmi

Il-Minority Leader Ylenia Montfort tkellmet dwar il-gest nobli li ghamel Sava Radic u talbet lil kunsill japprova rikonoxximent ghal dan il-ghan.

27.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-Kunsill jipprezentaw in-nomimazzjonijiet taghhom ghal-Gieh il-Belt.

Il-Vici Sindku Alfred Zammit innomina lill-Prof Alexiei Dingli
Il-Kunsillier Daniel Diancono innomina lil Norman Hill
Is-Sindku Olaf McKay innomina lil Carlo Seychell.

Wara diskussjoni l-Kunsill kollu qabel li nomina ta Norman Hill ghadha tkun dik li tiehu l-premju.
Ghalhekk Is-Sindku Olaf McKay biddel in-nomina ghal-rikonoxximent lil Carlo Seychell.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

## 27.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ

27.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat dwar l-applikazzjoni ghal-attivitajiet Kulturali marbuta mal-460 sena mil-fondazzjoni tal-Belt, li ser tiġi sottomessa kif diga kien spjegat f'laqgha preċedenti mil-Kunsillier Daniel Diacono. Hija nfurmat li ser tkun qed tissottometti l-applikazzjoni SPI.SCI.01.2026 bil-programm miftiehem u pjanat mis-sottokumitat ref. (24.5.12)

27.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat dwar l-applikazjoni ghal-finanzjament attivitajiet Milied 2026. Hija nfurmat li ser tkun qed tissottometti l-applikazzjoni SPI/SCI/03/2026.

27.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-granet tal-proġett *Radical Green* ser ikunu mit-Tnejn 11-sa l-Erbgha 13 ta' Mejju.

27.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret dwar il-laqgha tar-residenti li ghandha ssir u gie miftiehem li din issir nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju fil-5pm.

27.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil bord ta' l-evalwazzjoni biex issir rrapport min naha tal- kunsillieri ghad-dawl tat-toroq minhabba li qed jghafas iz-zmien u hemm deadline sa meta jrid ikun lest il-progett.

## 27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 27.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.8.1 Marzu / April 2026

**Il-Kunsill aġġorna għaT-Tlieta 12 ta' April 2026 fil-17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv